**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2025**

Rikors Numru: 31/2025 AL

Charlene Borg

(K.I.242885M)

vs

Clinton Debono

(K.I.422082M)

(M.R. Numru 528/2009)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu tesponi:

1. Ili l-partijiet iżżewġu fis-sittax (16) ta' Mejju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġewwa Birkirkara, liema Att taz-Zwieg jinsab hawn anness u mmarkat bhala **Dok. CD1;**

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. IIIi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat t-t-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) liema kuntratt jinsab fi-atti tan-Nutar Reuben Debono, liema kopja ta' l-istess kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok. CD2;**

4. Illi inoltre il-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn 13 -il sena;

5. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jirċievu mantenimennt mingħand xulxin u għalhekk m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejniethom;

6. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante li illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-esponenti ħejjiet l-anness affidavit (mmarkat bhala **Dok CD3**) li permezz tiegħu qed tikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili;

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi:-

1. Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet kienu izzewgu fis-16 ta' Mejju 2009 f'Birkirkara, u mil-liema zwieg ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Novembru 2012, u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono;

3. Illi I-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejnithom.

4. Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.

5. Illi l-esponenti jikkonferma li ma jsib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici, b'dana illi ma ghandu jigi addebitat b'ebda spejjez marbuta ma' din il-procedura.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Frar, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Novembru 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

| | |
|---|---|
| Dr Abigail Lofaro | Rita Vella Baldacchino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |